Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u ħamsin (57) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi tat-tmien leġislatura li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2023, fl-4:30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill f'7, Triq il-Kbira, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur David Schembri MQR | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| UFFIĊJAL | Is-Sa Ritienne Giorgino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

57.1 **Qari tal-Apoloġiji** Apoloġiji

Ma kienx hemm.

57.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru sitta u ħamsin kienu ikkunsidrati bħala moqrija. Il-kunsillier Daniel Farrugia ppropona l-approvazzjoni filwaqt li l-kunsillier Marion Parnis issekondat. Il-minuti kienju approvati bħala dokument korrett unanimament.

57.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku** Mobile Application

Is-Sindku, is-Sur David Schembri, talab lis-Sur Charles Zerafa sabiex jaġġorna l-Kunsill dwar il-*mobile application*. Għandu jitħejja dokument skont rikjesta tas-Sur Zerafa sabiex din ikollha bażi legali mir-rappreżentant/i legali tal-Kunsill. Il-firem iridu jkunu tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

57.4 Is-Sa Marion Parnis staqsiet dwar l-Audit Adjustments li intqal illi dawn iridu jitilgħu Kunsill.

57.5 **Seduta Parlamentari taż-żgħażagħ fit-22/9/23** Parlament taż-Żgżażagħ

Bi preparazzjoni biex il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ikun rappreżentant minn żgħażugħ/a nhar it-22 ta' Settembru 2023, f'seduta waħda tal-Parlament taż-żgħażagħ, il-Kunsill iddeċieda illi jagħmel sejħa pubblika fuq is-*social media* u kemm-il darba ma jinstab ħadd, jinnomina hu ż-żgħażugħ/a bejn is-16 u l-35 sena.



*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

57.6 **_Open Day_ tal-Uffiċċju tal-Kunsill fl-14/10/23**

Il-Kumitat nazzjonali li hu responsabbli mit-Tletin sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali qed jorganizza fl-14 ta' Ottubru 2023 *Open Day* fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkun qed jitlob aktar informazzjoni qabel jikkommetti ruħu, filwaqt li s-Sindku, is-Sur David Schembri skuża ruħu li mhux se jkun jista' jattendi.

57.7 **Tismija tat-Toroq** — Ismijiet għat-toroq

Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-Kunsillieri illi jinħtieġ li jinstab isem għal żewġ toroq f'Wied iż-Żurrieq, dik tal-Picnic Area wara l-ħarrub ta' Pjazza San Mattew u t-triq taż-Żelliqat biex ikunu msemmija uffiċjalment. Għal ta' Wied iż-Żurrieq kienu proposti Triq l-Għargħar, Triq Filfla, Triq Widnet il-Baħar u Triq/Sqaq il-Misqa, għal dik fi Pjazza San Mattew, issir Pjazza Nikol Aquilina u ovjament jingħata l-isem uffiċjali lil Triq iż-Żelliqat.

57.8 **Sit għall-makna tal-BCRS** — BCRS

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi hu konċernat illi jekk jiżviluppa ruħu fejn qed ikun propost, is-sit fl-inħawi tal-Warda, il-makna tal-BCRS ikollha bżonn tiċċaqlaq. Intqal mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv illi din tkun responsabbilità tal-kumpanija. Is-Sur David Schembri qal illi l-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna u bagħtet il-proposti ta' postijiet oħrajn filwaqt li l-kuntrattur kien ippropona Triq tal-Warda.

57.9 **Post Vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv – Interviews** — Segretarju Eżekuttiv

Għall-post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku, is-Sur David Schembri talab lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi biex jinħatru fuq l-adjudication board, dawn il-membri: is-Sur John Mallia, bħala Chairman, is-Sur Steve Sultana, membru u s-Sur John Paul Abela, membru. Hu qal li mhux se jkun parti mil-Bord. Kien hemm approvazzjoni unanima dwar il-kompożizzjoni tal-bord kif imħabbar għaliex il-Kunsill iħoss li dan se jkun wieħed awtonomu u indipendenti.

57.10 **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv** — Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sa Ritienne Giorgina tax-xogħol li wettqet bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv filwaqt li s-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi talab l-għajnuna tad-Diviżjoni Gvern Lokali biex jinstab sostitut. Min-naħa tad-Diviżjoni, dawn ippoponew lis-Sur Anthony Bonello. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-ħatra u se tkun komunikata mad-Dipartiment Gvern Lokali.

57.11 **Festival tal-Patata 2023** — Festival tal-Patata

Tpoġġa l-*item* fuq l-agenda biex issir *Post Mortem* tal-aħħar festival li sar ftit tal-ġimgħat ilu. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li qed jidħlu l-



*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

kontijiet u semma partikolarment kont ta' Eur500 tas-Soċjetà Santa Marija u ieħor ta' Eur500 tas-Soċjetà Madonna ta' Lourdes fejn jidher li ingħatat direzzjoni biex isiru xogħlijiet. Is-Sur Patrick Bugeja qal illi dan kien xogħol relatat ma' twaqqif ta' antarjoli tal-festa tal-każini biex jarmawhom fi Triq it-Tempesta u Pjazza San Mattew rispettivament. Inkrew ukoll xi mwejjed mingħandhom iżda dawn ma kellhomx il-qisien kollha li kienu jinħtieġu għax is-Sur Patrick Bugeja qal li ż-żgħar inġabu mingħand ħaddieħor. Għaldaqstant, is-Sindku talab li tkun mibdula d-deskrizzjoni fuq il-kont. Hu qal ukoll illi għall-Festival tas-sena d-dieħla is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali qed jalloka Eur18,000.00 bil-patt li dan isir qabel l-aħħar ta' Mejju 2024.

57.12 **M1 Leader Project – Promotion of Cultural Heritage**

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi permezz ta' dan il-programm Leader – Mizura 1 : Promotion of Cultural Activity kienu allokati madwar Eur5,000 f'kotba b'informazzjoni riċerkata u nfaqna biss Eur2,500. Hu talab biex tittieħed id-deċiżjoni u jinġiebu id-doppju bħala numru ta' kotba. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni u se jsir kif suġġerit.

57.13 **OHSA Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' istanza fejn żewġ uffiċjali tal-OHSA kienu għamlu spezzjoni fl-2020/1 fuq il-bini tal-Kunsill fi Triq Massabielle u kienet inħarġet *stop notice* minħabba *safety issues* u issa l-proġett ilu wieqaf. Hu qal li dak iż-żmien ma stajniex nifhmu x'ġara u għamilna laqgħa bil-Perit u l-Avukat tagħna. Irriżulta li l-*istop notice* kien dwar armar ta' scaffolding li lanqas biss ma ntuża. Għaldaqstant qed isiru tħejijiet biex tkun indirizzata din id-diffikultà

57.14 **Items oħra ta' xogħol li jkun meħtieġ**

57.14.01 Is-Sur David Schembri semma' l-ftuħ mill-ġdid ta' Triq tas-Sejba fl-Imqabba li affettwat it-traġitt tal-Qrendin u dwar l-okkażjoni li inġiebet fuq l-agenda anke l-bżonnijiet ta' Triq it-Tempesta mill-att ta' sigurtà. Is-Sur Schembri qal li kellna laqgħa ftit tal-ħin ilu ma TM fejn ġejna nfurmati bil-ħatra ta' CEO fejn kellu l-opportunità li jsemmi l-*ispeeding* fi Triq it-Tempesta u d-*drifting* b'vetturi f'Wied iż-Żurrieq u l-inħawi ta' San Niklaw u l-bżonn ta' aktar *sleeping policemen* fost l-oħrajn. Triq it-Tempesta u Triq tas-Sejba

57.14.02 Is-Sindku semma' kif kienu iltaqgħu hu u l-Assistent Prinċipal, is-Sa Stephania Grixti mas-Soċjeta Lourdes f'Ġunju dwar il-festa. Hawnhekk kien imfakkar li peress li ninsabu fil-festa, propju għada hemm il-programm fuq il-planċier u l-Quddiesa tal-Morda li għalihom il-Kunsill kollu hu mistieden. Laqgħa mas-Soċjetà Lourdes



*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

| | | |
|---|---|---|
| 57.14.03 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' invoices li hemm pendenti mil-Arms Ltd li kienu jgħajtu lid-*Director Primary Health Care*. Hu qal li dawn jappartjenu lilhom peress li huma kienu t-*title holders*. | Invoices pendenti |
| 57.14.04 | Dwar l-iskema nazzjonali *Clean Up 2023*, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kellu stedina biex ikun imsieħeb mar-Reġjun Punent fejn konna pproponejna li se nnaddfu Wied iż-Żurrieq u jidher li ma kienx hemm interess biżżejjed biex timmaterja. | Clean Up the World |
| 57.14.05 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar id-donazzjoni ta' siġar tal-Għargħar u Widnet il-Baħar mir-*Rotary Club* u qal li dawn tħawwlu fil-*junction* ta' Ħaġar-Qim. | Donazzjon ta' siġar |
| 57.14.06 | Issemmiet mis-Sindku l-okkażjoni li nżammet fid-Day Centre taż-Żurrieq dwar il-kuxjenza mill-abbuż fuq l-anzjani. Hawn kienu mistiedna s-Sindki li jiċċirkundaw l-istess raħal taż-Żurrieq biex suġġett tant delikat kien trattat kif jistħoqqlu. | Elderly Abuse Awareness |
| 57.14.07 | Dwar il-leġislazzjoni li għadha kemm għaddiet mil-Gvern Ċentrali fuq il-*Caravans* fejn issa se jibdew joħoġu l-permessi għalihom mil-Kunsilli Lokali kollha, kien deċiż illi dawn ma jkunux allokati posta kemm f'Wied iż-Żurrieq u lanqas fi Triq il-Panorama. Kien unanimament deċiż illi l-Qrendi jkun ''no-caravan zone'' biex il-veduti jgawdihom kulħadd. | Caravans |
| 57.14.08 | Dwar it-tiswijiet iminenti fuq Triq Rokku Buhagiar fil-parti li hemm il-kubetti, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi l-Kunsill Lokali tal-Qrendi mhux qed jaċċetta li ssir il-manutenzjoni billi jitwaħħlu mil-ġdid il-kubetti għall-istess raġuni li dawn inqalgħu kollha minn posthom. Issa se naraw biex se joħorġu il-periti. | Triq Rokku Buhagiar |
| 57.14.09 | Is-Sindku tkellem dwar Triq Gregorju Mifsud fejn intqal li kienu qed jegħrqu l-*basements* minħabba l-*istorm water*. Is-Sur David Schembri qal li tħaffret ħofra minn xi ħadd mhux magħruf. Intant, irriżulta illi kien hemm ħsara u l-ilment għamlu l-istess persuna li poġġiet is-saqajn tal-crane u sfrondat it-triq. Il-*procurement* tax-xogħlijiet mill-*Works Department* qed jieħu fit-tul għaliex mhux xogħol li jista' jagħmlu l-Kunsill. | Ħsarat fi Triq Gregorjo Mifsud |
| 57.14.10 | Is-Sur Patrick Bugeja staqsa jekk il-kennies hux qed inaddaf fil-ġranet tal-festa filgħodu bħas-soltu. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi kellu laqgħa ma' ċertu Gordon u Eman tas-Soċjeta' Lourdes u l-kuntrattur kellu jiġi u ma ġiex. Issa dan se jiġi għada filgħodu għaliex fil-Festa jrid jiġi jiknes ċertu ġranet u fil-fatt fil-Pjazza ma nġabarx l-iskart. | Knis tat-toroq |
| 57.14.11 | Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-ħtieġa li titwaħħal mera fi Triq Santa Katerina fi Triq li tieħu għas-Siggiewi, għax dik li hemm trid tinbidel kif ukoll is-Sur Patrick Bugeja, l-Viċi Sindku, semma li hemm oħra żgħira li trid tinbidel ma' oħra akbar mal-*batching plan* fi Triq is-Siġġiewi. | Imirja |



*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 57.14.12 | | Is-Sur Charles Zerafa semma' l-ħtieġa li ssir manutenzjoni fuq fanal dekorattiv tad-dwal tat-toroq fit-triq tal-forn. Hu qal li bħalissa mhux qed jaffettwa peress li hemm id-dwal tal-fistuni tal-festa, iżda x'ħin jitneħħew se jkun hemm dlam ċappa. | Fajnal Dekorattiv |
| 57.14.13 | | Is-Sa Marion Parnis staqsiet dwar il-laqgħa li kellha ssir dwar zvilupp tan-neutering tal-qtates fejn il-KLQ kien applika għax konna interessati u kien se jsir *meeting one-to-one*. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi talli bagħtna ir-*return* ġurnata tard dawn mhux se jħallsuna tal-ispejjeż u mhux tort tagħna iżda tal-veterinarju li dam ma tagħna id-dokumentazzjoni. | Skema tan-Neutering |
| 57.14.14 | | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar il-gandott li tħaffer quddiem iċ-ċimiterju tal-Ars u dwar kif itgħatta mill-ġdid, dawn neħħew is-*sleeping policemen* li kien hemm. | Gandott quddiem tal-Ars |
| 57.15 | | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**<br>Iċ-Ċedola tal-pagamenti numru kienet ikkunsidrata u approvata unanimament skont kif jidher fuq il-kopja oriġinali. | Ċedola tal-pagamenti |
| 57.16 | | **Approvazzjoni tal-aġġustamenti finanzjarji**<br>Wara li l-Kunsill kellu laqgħa ma' PR Turner, issa għandna f'idejna l-Financial Statements 2022. Dawn kienu awditjati u kienu kkunsidrati u mpoġġija għall-vot mis-Sur David Schembri u ssekonda is-Sur Daniel Farrugia. Dawn, kienu approvati unanimament flimkien mal-Management Letter u l-aġġustamenti finanzjarji li kellhom isiru għaliex is-Sa Ritienne Giorgino qalet illi l-Awdituri kellhom ibiddlu l-*postings* tal-*grants* tal-miżuri tal-*EU Funds*. | Financial Statements 2022 |
| 57.17 | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**<br>Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm u l-Kunsill se jiltaqa' nhar l-24 ta' Lulja fl-4.30pm. | Aġġornament |

Magħmula minn u approvati minn David Schembri

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku

Approvati llum 24.7.2023



*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*